MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 353/2003

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u hmistax-il Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM2415.32), rapprezentanti prezz ta' merci lilha mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghha;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata disgha u ghoxrin (29) t'April tas-sena 2003 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-14 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------